FGURA

Minuti tal-laqgħa numru tmienja tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.32pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni – 6.40pm. |
| **Kunsillieri**: | Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur M.Lombardo<br>Is-Sur B Camilleri<br>Is-Sinjura R.Cutajar – 6.34pm.<br>Is-Sur A.Debono – 6.35pm<br>Is-Sur C Bonello – 6.45pm. |
| **Segretarju:** | Is-Sur A Grima |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Approvazzjoni ta' Minuti

1.01 **Minuti tal-Laqgħa 9 ta' Diċembru 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-laqgħa tad-9 ta' Diċembru 2009.

1.02 Il-minuti tal-laqgħa kienu approvati nem con.

Is-Sinjura R Cutajar daħlet fil-kamra – 6.34pm.

## 2.0 Korrispondenza

2.01 Is-Sur M Lombardo ressaq il-korrispondenza numru 352 dwar Memo 9/2010 għad-diskussjoni. Is-Sindku nfurmah li din il-materja kienet ser tiġi dikussa aktar tard.

2.02 Is-Sindku nforma li l-korrispondenza l-oħra mmarkata kif riferut f'Dok'A' anness kellhom jittieħdu bħala moqrija.

Is-Sur A Debono daħal fil-kamra – 6.35pm.

## 3.0 Approvazzjoni Purchase Request Forms

3.01 Wara li saret diskussjoni fuq il-lista annessa Dok'B', is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2607/10/6 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur M Lombardo.
Kontra – Ħadd
Astenzjoni – Sur A Debono.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2607/10/6 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

Il-Viċi Sindku daħal fil-kamra – 6.40pm.
Is-Sur C Bonello daħal fil-kamra – 6.45pm.

## 4.0 Approvazzjoni Ħlasijiet

4.01 Wara li saret diskussjoni fuq il-lista annesssa Dok'C', is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2608/10/6 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi. Lill-Asfaltar Ltd. navżawh li fiż-żmien xahar irid ilesti x-xogħol li fadallu jgħamel inkluż il-water deviation hump fi Triq Sant Antnin u re-instatement fi Vjal Kottoner". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri.
Kontra – Ħadd
Astenzjoni – Sur A Debono, Sur M Lombardo, Sur C Bonello.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2608/10/6 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjoni.

Wara li saret diskussjoni fuq il-lista annesssa Dok'D' li kienet tqassmet qabel il-laqgħa, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2609/10/6 "Sabiex jiġi approvat il-ħlas anness". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2609/10/6 kienet approvata nem con.

## 5.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.01 Is-Sindku nforma li kien ippreparat 'Interim Operations Review' mis-Segretarju għall-perijodu li jagħlaq sal-aħħar ta' Diċembru 2009. Dan kien tqassam qabel il-laqgħa. Is-Sindku nforma li dan id-dokument kellu jkun diskuss f'laqgħa oħra tal-Kunsill li kellha ssir ġimgħatejn oħra. Saret diskussjoni.

5.02 Is-Sindku għamel referenza għal pjanti tal-librerija li kienu ppreparati mill-Perit D Falzon kif mitlub mill-Kunsill. Huwa talab lis-Sur S.Camilleri sabiex jinforma lill-Kunsill dwar il-materja. Is-Sur C.Bonello ressaq point of order minħabba li l-item għad-diskussjoni kien 'Komunikazzjoni mis-Sindku'. Saret diskussjoni. Ma kienx hemm oġġezzjoni li l-pjanta eżistenti tintuża biex tintalab devoluzzjoni tal-art. Sadanittant kellu jsir kuntatt mal-librara dwar l-istess pjanta sabiex jagħtu l-'feedback' dwar il-pjanta proposta.

5.03 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-kawża ref: 35/2008/1. Il-Viċi-Sindku għamel sensiela ta' mistoqsijiet dwar il-materja. Is-Segretarju nforma li huwa kien għamel risposta bil-miktub għall-mistoqsijiet li kienu saru dwar l-istess materja. Saret diskussjoni. Il-Viċi-Sindku għamel sensiela ta' mistoqsijiet lis-Sindku. Is-Sindku talbu sabiex jagħmel dawn il-mistoqsijiet bil-miktub sabiex ikun jista jirrispondih.

5.04 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar risposta li kien irċieva l-Kunsill mingħand Sterling Security dwar korrispondenza preċedenti mill-Kunsill dwar talba għal rifużjoni ta' ħlasijiet li kienu saru bħala servizz extra. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li tintbagħat kopja ta' din l-ittra lil min kien għamel it-talba għal rifużjoni.

Is-Sur B Camilleri ħareġ mill-kamra fis-7.05pm u daħal ftit wara.

5.05 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar talba għal study leave mis-Sinjorina A'Marie Curmi skont il-ftehim kollettiv. Dan wara talba li kienet saret min naħa tagħha.

5.06 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar leave tal-impjegati li kien akkumulat mis-sena l-oħra u li kellu jkun trasferit għal din is-sena. Ma' kienx hemm oġġezzjoni.

5.07 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar korrispondenza mill-assikurazzjoni dwar l-eżitu tas-serqa li kienet saret f'April 2009. Wara li saret dskussjoni kien hemm qbil li jinġiebu kwotazzjonijiet tal-apparat u l-materjal li kien insteraq sabiex dan ikun kumpensat mill-istess assikurazzjoni.

5.08 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-ħtieġa li jinxtraw bnadar tal-Fgura minħabba l-istat li kienu jinsabu fih dawk attwali. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2610/10/6 "Sabiex jinxtraw żewġt ibnadar tal-Fgura għal spiża ta' mhux aktar minn €250 skond kif anness". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur A Debono, Sur M Lombardo, Sur C Bonello
Kontra – Viċi-Sindku.

Astenzjoni – Sur S Camilleri.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2610/10/6 kienet approvata b'seba' voti favur, vot wieħed kontra u astenzjoni waħda.

5.09 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-ħtieġa li jinxtara kompjuter għall-użu tas-Segretarju. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2611/10/6 "Sabiex jinxtara PC Acer Complete system bi spiża ta' €599 kif anness". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri. Sur A Debono, Sur M Lombardo, Sur C Bonello
Kontra – Ħadd.
Astenzjoni – Viċi-Sindku, Sur S Camilleri.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2611/10/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġt astenzjonijiet.

## 6.0 Mozzjonijiet

6.01 Mozzjoni 2596/10/6 – Is-Sur C Bonello ressaq mozzjoni ref: 2596/10/6 "Mozzjoni sabiex toħroġ espressjoni ta' nteress sabiex jiġi riċerkat u miktub ktieb dwar l-istorja tal-Fgura. F'dan il-ktieb ikun jiġbor fih l-istorja tal-Fgura mill-qedem sal-lum". Din kienet sekondata mis-Sindku. Wara li saret diskussjoni s-Sur C Bonello qabel li mal-mozzjoni oriġinali tiżdied l-addenda proposta mis-Sur A DeGiovanni sabiex il-mozzjoni ġiet taqra "Mozzjoni sabiex toħroġ espressjoni ta' teress sabiex jiġi riċerkat, editjat, kompilat u miktub ktieb dwar l-istorja tal-Fgura. F'dan il-ktieb ikun jiġbor fih l-istorja tal-Fgura mill-qedem sal-lum". Ittieħed vot. Din il-mozzjoni kienet approvata nem con.

6.02 Mozzjoni 2597/10/6 – Is-Sur C Bonello ressaq mozzjoni ref: 2597/10/6 "Mozzjoni sabiex jinħarġu kwotazzjonijiet sabiex jitqabdu esperti ħalli jsir rapport dettaljat tan-niċeċ kollha u siti żgħar oħrajn li hawn fil-Fgura:- Niċċa tal-Madonna ta' Grazzja fi Triq il-Karmnu; Niċċa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq Ħompesch; Monument tal-Anniversarju tal-Ħelsien; Replika tal-Irħam oriġinali tal-monument tas-Salib; Niċċa bla statwa fi Triq San Xmun; Milestone fi Triq il-Karmnu; Lapida ta' tifkira ta' Triq Zabbar". Din kienet sekondata mis-Sindku. Wara li saret diskussjoni, ttieħed vot. Il-mozzjoni ref: 2597/10/6 kienet approvata nem con.

6.02 Mozzjoni 2598/10/6 – Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2598/10/6 "Sabiex il-Kunsill jagħmel wiċċ ta' tarmac fi Triq Niġem wara li kienet tresqet mozzjoni bin-numru 2091/07/5 biex

din issir kif diġa approvatha”. Din kienet sekondata mis-Sindku. Wara li saret diskussjoni, ttieħed vot.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sur B Camilleri. Sur A Debono, Sur M Lombardo, Sur C Bonello
Kontra – Viċi-Sindku, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2598/10/6 kienet approvata b’sitt voti favur u tliet voti kontra.

6.03 Mozzjoni 2599/10/6 – Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni 2599/10/6 “Il-Kunsill b’referenza għall MEPA Application 03175/09 dwar sanction ta’ stallazzjoni ta’ chiller, jagħmel sottomissjoni lill-MEPA fis-sens li filwaqt li jappoġġa kull titjib fl-operat tal-komunita’ kummerċjali, jisħaq li dan l-iżvilupp jirrispetta l-interess tar-residenti billi jkun assigurat il-livell permezz ta’ decibels u humm ta’ l-apparat konċernat”. Din kienet sekondata mis-Sur B Camilleri. Saret diskussjoni. Wara s-Sindku ressaq emenda “Li jitneħħew il-kliem minn “b’referenza ... sa chiller” jitneħħew ukoll “li dan” u jinbidlu fil-kelma: kull”. Din kienet sekondata mis-Sur C Bonello. Il-Viċi Sindku ressaq point of order dwar din l-emenda minħabba li kienet qed tinnega l-mozzjoni oriġinali. Saret diskussjoni. Wara ttieħed vot fuq il-mozzjoni kif emendata.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sur A Debono, Sur M Lombardo, Sur C Bonello
Kontra – Viċi-Sindku, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2599/10/6 kif emendata kienet approvata b’ħames voti favur u erba’ voti kontra.

6.04 Mozzjoni 2600/10/6 – Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: 2600/10/6 “Li items bħal Komunikazzjoni mis-Sindku jew Korrispondenza ma jservux ta’ spunt għall-ebda mozzjoni li ma tkunx magħmula minn qabel skont il-proċeduri stabbiliti”. Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri. Is-Sur A DeGiovanni nforma lill-Kunsill li kien qed jirriserva d-dritt li jressaq din il-mozzjoni fi stadju ulterjuri.

6.05 Mozzjoni 2601/10/6 – Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: 2601/10/6 “Mozzjoni ta’ Proċedura. Li l-item ‘Progress ta’ ħidma” jew items ġeneriċi simili f’kull agenda ma jkunx ta’ spunt għal mozzjonijiet ta’ nfieq li ma jkunx ġew magħrufa minn qabel lill-membri tal-Kunsill bil-proċeduri stabbiliti”. Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Is-Sur A DeGiovanni nforma lill-Kunsill li kien qed jirriserva d-dritt li jressaq din il-mozzjoni fi stadju ulterjuri.

6.06 Mozzjoni 2602/10/6 – Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2602/10/6 "Li dan il-Kunsill jara jistax ikun ukoll firmatarju tal-Patt tas-Sindki dwar it-tibdil tal-klima". Din kienet sekondata mis-Sindku. Wara li saret diskussjoni, l-mozzjoni ref: 2602/10/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur C Bonello ħareġ mill-kamra – 8.04pm.

6.06 Mozzjoni 2603/10/6 – Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: 2603/10/6 "Li dan il-Kunsill ikun infurmat regolarment dwar kull azzjoni legali u proċeduri tal-Qrati li fihom ikun involut il-Kunsill, u qabel kull azzjoni jew ommisjoni li tista' ssir". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Wara li saret diskussjoni, ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri
Kontra – Sur A Debono.
Astenzjoni – Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2603/10/6 kienet approvata b'sitt voti favur, vot wieħed kontra u astenzjoni waħda.

Is-Sur C Bonello daħal lura fil-kamra – 8.08pm.

6.07 Mozzjoni 2604/10/6 – Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2604/10/6 "Sabiex il-Kunsill iqabbad il-Perit Dieter Falzon biex jagħmel pjanti u stimi ta erba' "central strips" fil-"main Road" Salib it-Toroq ma Triq San Tumas biex jikkumplimentaw mal-Monument. Dawn central strips għandhom ikunu ta l-istess dimenzjonijiet bil wiċċ ta' turf u socket outlets. Sadanitant napplikaw mal-Agrikoltura biex jitneħħew siġar ta central strip". Din kienet sekondata mis-Sindku. Wara li saret diskussjoni il-proponent aċċetta emendi li ħarġu mid-diskussjoni li jinqata l-kliem "socket outlets" u jiżdied il-kliem "artifiċjali u electrical supply". Wara tressqet għall-vot il-mozzjoni kif emendata.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.
Kontra – Sur A Debono.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2604/10/6 kif emendata kienet approvata bi tmien voti favur u vot wieħed kontra.

6.08 Mozzjoni 2605/10/6 – Is-Sinjura R Cutajar ressqet mozzjoni ref: 2605/10/6 "Sabiex il-Kunsill jgħamel bozza ġdida fi Triq Kampanella bejn Triq Riħan u Triq Ġiżi fuq dar no 247 bi spiża ta mhux aktar minn €500". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Wara li saret diskussjoni, ttieħed vot. Il-mozzjoni ref: 2605/10/6 kienet approvata nem con.

6.09 Mozzjoni 2606/10/6 – Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2606/10/6 "Sabiex dan il-Kunsill iqabbad lis-Sur Noel Castillo ta' Leon Promotion biex norganiżżaw serata tal-Karnival f'Wesgħa Kunsill ta' l-Ewropa bi spiża ta' mhux aktar minn €500.". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Wara li saret diskussjoni, is-proponent aċċetta addenda li ħarġet mid-diskussjoni "Dan wara li nivverifikaw mad-Dipartiment. F'każ li l-attivita titħassar minħabba l-maltemp titħallas biss cancellation fee. Din l-attivita għandha tittella it-Tnejna 15 jew it-Tlieta 16 ta' Frar 2010". Waqt id-diskussjoni saret referenza għall-attivita' Jiem Maltin. Is-Sindku nforma li din id-diskussjoni kienet 'out of order'. Wara ttieħdet vot.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sinjura R Cutajar, Sur B Camilleri, Sur C Bonello, Sur M Lombardo, Sur A Debono.
Kontra – Ħadd
Astenzjoni – Viċi-Sindku, Sur S Camilleri.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2606/10/6 kif emendata kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġt astenzjonijiet.

Is-Sur P Dalli u s-Sur A Debono ħarġu mill-kamra – 8.34pm.
Is-Sur B Camilleri ħalla l-kamra – 8.35pm.

## 7.0 <u>Tibdil ta' firmatarji</u>

7.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2612/10/6 "Li jsir it-tibdil ta' firmatarji tal-Kunsill minn: Kevin Borg għal Alexander Grima". Din kienet sekondata mis-Sur C Bonello. Il-mozzjoni ref: 2612/10/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur A Debono u s-Sur P Dalli daħlu lura fil-kamra – 8.40pm.

## 8.0 <u>Laqgħa tal-Lokalita'</u>

8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-laqgħa tal-Lokalita' li kellha tkun organiżżata skont il-liġi li tirregola l-Kunsilli Lokali. Wara li saret diskussjoni, is-Sindku resssaq mozzjoni ref: 2613/10/6 "Li ssir il-Laqgħa tal-Lokalita fl-iskola Primarja nhar il-5 ta' Frar 2010 fis-6.30pm. Għandu jintbagħat invite lir-residenti kollha għal din il-laqgħa. Jingħata kafe u sandwiches lil dawk preżenti. L-ordni tkun għal mitt ruħ. Dan bi spiża ta' mhux aktar minn E1,500". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2613/10/6 kienet approvata nem con.

## 9.0 <u>Baġit għas-sena finanzjarja 2010</u>

9.1 Din il-materja kellha tkun riferuta fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**10.0 Kuntratt ġbir ta' skart u skema ġbir ta' skart separat**

10.1 Wara li saret diskussjoni dwar din il-materja, kien hemm qbil li ż-żewġ kumpaniji li kienu qed joffru s-servizz ta' ġbir ta' skart separat jintalbu sabiex jagħmlu l-preżentazzjonijiet tagħhom lill-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jagħżel l-aħjar offerta. Dawn il-laqgħat kellhom ikunu koordinati sabiex isiru fl-istess ġurnata. Il-Kunsill kellu jkun infurmat b'din il-laqgħa.

**11.0 Memo 90/2009**

11.1 Saret diskussjoni fuq l-iskemi li joħorġu minn dan il-Memo.

11.2 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill dwar ix-xogħlijiet li setgħu jsiru permess tal-iskema marbuta max-xogħlijiet infrastrutturali. Wara li saret diskussjoni, kien hemm qbil li s-Sur P Dalli jippreżenta proposta dettaljata dwar din il-materja fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

11.3 Is-Sur C Bonello nforma lill-Kunsill dwar il-ħsibijiet tiegħu fir-rigward tax-xelter fi Triq Ħompesch. Wara li saret diskussjoni, huwa ressaq mozzjoni ref: 2614/10/6 "Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jippublika tender sabiex jiġi mgħamul rapport professjonali sabiex issir manutenzjoni u restawr tax-xelter ta Triq Ħompesch. Ukoll sabiex fl-istess tender toħroġ talba ta proposta sabiex il-Kunsill ikun jista jmexxi dan is-sit b'mod professjonali. Għandha tingħata l-possibilita li t-tenderers jistgħu jittenderjaw għal parti waħda tat-tender. It-tender għandha tkun valida għal tmintax ix-xahar". Din kienet sekondata mis-Sindku. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 2614/10/6 kienet approvata nem con.

**12.0 Memo 8/2010**

12.1 Din il-materja kellha tkun diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**13.0 Ġemellaġġ ma' belt jew raħal fil-Bulgarija**

13.1 Is-Sindku talab lill-Viċi-Sindku sabiex jinforma lill-Kunsill bil-ħidma tiegħu fir-rigward tad-deċizjoni tal-Kunsill dwar il-materja. Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill bil-ħidma li kien wettaq filwaqt li għamel referenza għall-laqgħa li kienet skedata għal għada ma' rappreżentanti minn Kunsill mill-Italja. Saret diskussjoni. Is-Sindku nforma li kien ser iressaq mozzjoni sabiex imexxi l-quddiem id-deċizjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' ġemellaġġ ma' belt jew raħal fil-Bulgarija.

Il-Viċi-Sindku u s-Sur S Camilleri ħallew il-kamra – 9.25pm.

13.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2615/10/6 "B'referenza għall-mozzjoni No. 2587/09/6 u peress li l-kunsillier inkarigat ma ħadimx fuq id-deċiżżjoni li l-Kunsill tal-Fgura jagħmel il-preparamenti neċessarji biex iniedi ġemellaġ ma villaġ fil-Bulgarija, din ir-responsabilita tgħaddi f'idejn is-Sindku assistit mill-Kunsillier responsabli mill-kultura Charles Bonello. Minħabba l-impenn ta' din id-deċiżżjoni m'għandux ikun hemm arranġamenti oħra ma' pajjiżi oħra jekk mhux il-Bulgarija. Għaldaqstant, il-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar 2010, referuta fil-korrispondenza annessa mibgħuta mill-Viċi-Sindku m'għandiex issir". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sur C Bonello, Sur M Lombardo, Sur A Debono.
Kontra – Sinjura R Cutajar

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2615/10/6 kienet approvata b'ħames voti favur u vot kontra.

## 14.0 Performance Bonus Impjegati

14.1 Wara li saret diskussjoni fuq din il-materja, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2616/10/6 "Sabiex jiġi approvat il-Performance Bonus tal-Impjegati il-massimu li tati l-liġi b'referenza għar-rakomandazzjonijiet ta' Alex Grima u Adrian Attard". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2616/10/6 kienet approvata nem con.

## 15.0. Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fid-9.31pm u kienet aġġornata għat-8 ta' Frar 2010 fis-6.30pm.

Sindku

Segretarju